MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2009

Numru. 650/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

***Omissis***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra *Omissis* akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-05 ta’ Lulju 2009 ghal habta tad-disgha ta’ filghaxija (09.00pm) gewwa l-Lukanda *omissis:*

1. B’eghmil zieni kkorrompa lil *Omissis* minorenni ta’ *omissis.*

2. Ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta’ l-imsemmija *Omissis* minorenni.

3. eccita jew ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta' *Omissis* minorenni.

4. Bhala impjegat ta' fastidju sesswali lil impjegata u cioe` *Omisses* billi issoggettha ghal att ta' intimita fizika u/jew talab favuri sesswali mill-imsemmija *Omissis* u/jew issoggettha ghal xi att jew kondotta li jkollhom l-konnotazzjoni sesswali, inkluz kliem bil-fomm u gesti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-8 ta' Lulju 2008 sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tieghu in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa ta' l-imputat, l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat kif ukoll il-fatt illi l-imputat iddispjacih ghal dak illi ghamel. Il-Qorti madanakollu trid illi l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat ma jirrepetux ruhhom sabiex b'hekk ma jkunx hemm vittmi ohra aktar u aktar tenut kont tal-eta tenera tal-vittma f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 203, 203A u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 29 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjoni hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'

l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 il-Qorti qed tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dawn it-tlett snin jew jekk jonqos li jsegwi l-ordnijiet mghotija lilu mill-Probation Officer.

Finalment il-Qorti b'applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed torbot lill-imputat b'garanzija taht penali ta' €500 biex bl-ebda mod ma javvicina lil vittma *omissis* u dna ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------